IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 30-2017(23_03_17)**

**23 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

30.1.1 Is-Sinjorina Sonja Abela bagħtet *e-mail* li ma tistax attendi għal-laqgħa għaliex ser tkun xogħol.
Il-Kunsill qabel li tkun skużata.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

30.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 29-2017(23_02_17) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

---

**30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

30.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li ħaddiema tal-*Beach Cleaners* bdew il-manutenzjoni li ssir kull sena. Il-Kunsill ser iħallas għaż-żebgħa. Ħaddiema tad-Dipartiment tal-Agrikoltura żabru l-Palm li hemm fil-*parking* tax-Xlendi. Il-Palm li hemm fi Triq ir-Rabat u Trejqet il-Madonna tal-Karmnu ser jinżabru f'Mejju li ġej.

30.3.2 Il-ħaddiema tas-CMU rranġaw katusa taħt bankina li tilqa' l-ilma tax-xita għal ġol-bir fi Triq Ras il-Bajjada.

30.3.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mad-Direttur ECO-Gozo dwar it-tindif tal-Wied tax-Xlendi. Ġew diskussi l-kundizzjonijiet imposti mill-Awtorità tal-Ippjanar. Issa ser nikkonsultaw mal-Perit Saliba peress li huwa kien il-perit li ħa ħsieb japplika.

30.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet xi mistoqsijiet rigward il-proposta ta' demmiela fil-Munxar. Hija wieġbet skont informazzjoni li diġà semmiet fil-laqgħat preċidenti u li hemm imniżżel fil-Minuti. Sa issa, il-Kunsill għadu ma rċieva xejn rigward din il-proposta.

**30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

30.4.1 Is-Sur Robert Mallia talab sabiex il-Kunsill inaddaf il-ħaxix ta' Triq ta' Luvier. Huwa ġie infurmat li Triq ta' Luvier hija privata u ma jistgħux jintbagħtu ħaddiema. Xi jiem ilu l-ħaddiema tal-Kunsill intbagħtu jnaddfu ż-żibel li kien hemm mormi fit-triq.

30.4.2 Is-Sur Paul Curmi staqsa jekk il-Kunsill baqalux jagħti xi paga lill-*ex*-skrivan għaliex irċieva *e-mail* dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Minuti tal-laqgħa tal-25 ta' Jannar 2017 - 27.8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għadu qed jistenna direzzjoni.

**30.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

30.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet saret *inspection* minn uffiċjali tal-OHS (Occupational Health and Safety) fl-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ma kienx preżenti minħabba li dawn ġew bla ebda avviż. Huma għalhekk ċemplu u kellmu lis-Segretarju Eżekuttiv xi ftit tal-jiem wara.

Dawn huma r-regwiżiti li hemm bżonn għall-Kunsill Lokali Il-Munxar:

- *Risk assessment*
- *Workers' Health and Safety Representative*
- *Fire fighting appliances*
- *Fire / emergency drill*
- *Fire training*
- *First aid*

Is-Segretarju Eżekuttiv talab stima lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd li ġiet tiswa €396.48 VAT inkluż. Issa kien ser jitlob żewġ stimi oħra.

**30.6 Korrispondenza**

30.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 7/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva – Korsijiet *Lifelong Learning* 2017-2018'.

30.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 8/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsilli Lokali'.

30.6.3 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali Ta' Sannat u l-Għaqda Filantropika Talent Mosti rigward 'Get Your Act Together Workshops fil-11 u 12 ta' Marzu 2017'.

30.6.4 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali l-Aġenda tal-Laqgħa Plenarja tal-4 ta' Marzu 2017 u l-Aġenda u l-Minuti tal-Laqgħa Plenarja tas-17 ta' Ottubru 2015.

30.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 21/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa ta' informazzjoni dwar il-manutenzjoni tal-*playing fields*' fis-7 ta' Marzu 2017 ġewwa l-Kappella Russa fil-Palazz ta' San Anton, Ħ'Attard.

30.6.6 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tad-Dekan fl-Università ta' Malta rigward 'Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà'.

30.6.7 Il-Kunsill ġabar informazzjoni minn fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta rigward diversi applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar fil-lokalità tal-Munxar.

30.6.8 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-EU & International Affairs Unit, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'URBACT Good Practice Call', bid-data tal-għeluq 31 ta' Marzu 2017.

30.6.9 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-EU & International Affairs Unit, Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Participation in Eurocities Event' li jittratta EUROCITIES Environment Forum: Energy Transition in Cities, bejn il-15 u 17 ta' Marzu 2017.

30.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-*Secretariat Officer* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali rigward 'Stedina – Seminar Reġjun Għawdex', fil-25 ta' Marzu 2017 fl-Iskola Primarja tal-Għarb.

30.6.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta Parkinson's Disease Association fejn taw informazzjoni dwarhom u l-ħidma tagħhom. Huma jixtiequ jinvolvu lill-Kunsill fil-proġett il-ġdid tagħhom sabiex jiżdied l-*awareness* dwar din il-marda u għaldaqstant qed jitolbu donazzjoni ta' €100 li ser imorru għall-produzzjoni ta' materjal relatat.

30.6.12 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tal-64 laqgħa tal-25 ta' Marzu 2017, l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numru: 48 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 63/2017 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

30.6.13 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand Heritage Malta għal żewġ wirjiet ta' Heritage Malta bit-tema 'de Valette's DAGGER' u 'Valletta 1566 – Melita Renascens'.

**30.7 Ilmenti**

30.7.1 Il-Kunsill irċieva talba sabiex il-Kunsill jagħti permess biex isir Oktoberfest fix-Xlendi fil-15, 16 u 17 ta' Settembru 2017 u *street party* f'St Patricks's Day fis-17 ta' Marzu 2018. Il-Kunsill irid jistudja s-sitwazzjoni aħjar u dan fid-dawl li permessi simili li ħareġ il-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan ġew revokati mill-Qorti. Ġie deċiż li l-Kunsill jirreferi din il-materja lill-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

30.7.2 Il-Kunsill irċieva ittra indirizzata lill-Kunsilli t'Għawdex rigward l-isem tal-belt kapitali t'Għawdex.

30.7.3 Il-Kunsill ġibed silta mill-gazzetta The Malta Independent tal-Ħadd, 12 ta' Marzu 2017 fejn kien hemm artiklu dwar l-għajdut li ser issir demmiela fil-Munxar. F'dan l-artiklu ġiet ikkwotata s-Sindku bir-risposta li hija tat.

30.7.4 Il-Kunsill irċieva informazzjoni permezz ta' *e-mail* li l-ħlas għat-trasport għad-*day centre* f'Għajnsielem ser ikun ta' €668.84. Meta l-Kunsill talab informazzjoni dwar min qed jagħmel użu minn dan it-trasport, it-tweġiba kienet li ma għandhomx statistika. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jidħolx f'dan il-ftehim peress li fil-lokalità qed ikun hawn *day centre* u l-Kunsill diġà qed jikkontribwixxi.

30.7.5 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sezzjoni Armar tal-Festa fejn qed jissuġġerixxu lill-Kunsill sabiex jagħmel arblu bil-bandiera fid-daħla tar-raħal bħalma hemm f'irħula oħra. Huma lesti li jikkollaboraw u joffru s-servizzi bla ħlas. Kien hemm qbil dwar dan iżda l-Kunsill ma jidħolx responsabbli għal xi inċident li jista' jinqala' b'dan l-arblu. L-ispiża għall-materjal ser titla' għal €850.

30.7.6 Il-Kunsill irċieva avviż mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq dwar laqgħa ta' gwida dwar it-tismija tat-toroq f'Malta u Għawdex. F'din il-laqgħa ser jiġu spjegati l-linji gwida li ġew approvati mill-Kumitat sabiex il-Kunsilli kollha jkunu aġġornati aħjar dwar il-proċeduri u regoli li huma strettament segwiti fil-proċess kontinwu tat-tismija tat-toroq f'pajjiżna. Il-laqgħa ser issir fl-24 ta' Marzu 2017, fit-3 ta' waranofsinhar fil-Ministeru għal Għawdex.

30.7.7 Il-Kunsill irċieva *write-up* dwar il-Kappella ta' Sant'Anjeze f'ta' Nawrata mingħand il-Professur Rev. Joseph Bezzina. Dan peress li t-triq il-ġdida ser tissemma għal dik il-kappella ddedikata lil Sant'Anjeze. Is-Sur Paul Curmi ssuġġerixxa li meta jintbagħat fuljett fid-djar, jinkludi din l-informazzjoni.

30.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv għadda xi informazzjoni dwar applikazzjonijiet għal żvilupp fil-Munxar u fix-Xlendi.

30.7.9 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *e-mail* b'ritratt mingħand is-Sur Damien Spiteri rigward rampa li saret fi Triq il-Kappar, Ix-Xlendi. Is-Sindku marret tiċċekkja u sabet li sid l-għelieqi fetaħ rampa fil-ħajt sabiex jikseb aċċess għall-għelieqi tiegħu. Hija diġà talbet lis-sid biex inaddaf it-triq.

**30.8 Il-vakanza ta' Uffiċjal Eżekuttiv *full-time***

30.8.1 Il-Kunsill irċieva lista ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol mal-Jobsplus u li għandhom ir-rekwisiti mitluba mill-Kunsill. Il-Kunsill irċieva żewġ applikazzjonijiet minn din il-lista ta' għaxra. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel l-intervisti fil-ġranet li ġejjin.

**30.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

30.9.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fil-21 ta' Marzu 2017, fil-5.00 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.* Preżenti kien hemm ukoll is-Sinjura Carmen Said - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* talbet li tkun skużata minħabba li kienet ma tiflaħx.
Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata minħabba li kellha *lecture* fl-Università.
Is-Sur Saviour Xiberras - Membru talab li jkun skużat minħabba li ma laħaqx jiġi lura minn Malta.

Dawk preżenti stennew għal nofs siegħa mill-ħin stabbilit u fil-5.30 ta' filgħaxija ċ-*Chairperson* iddikkjara li ma kienx hemm *quorum* u li l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 25 ta' April 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

**30.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

30.10.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 30/2017(23_03_17).

**30.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

30.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 27 ta' April 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 27 ta' April, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Carmen Said<br>Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |